# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 94/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jason (Jason Paul) SCICLUNA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Ġunju 2020 fil-konfront ta' Jason (Jason Paul) Scicluna (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 154874M) li ġie mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu b'riżoluzzjoni waħda ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi naqas milli jagħti lil Marthese D'Amato, is-somma ta' Ewro 1200 iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma u dan għall-perjodi 17/6/19 sa 15/7/19, 16/7/19 sa 12/8/19, 13/8/19 sa 9/9/19, 10/9/19 sa 7/10/19 u 8/10/19 sa 4/11/19.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat SCICLUNA ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal xahar priġunerija effettiva.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant SCICLUNA appella minn din is-sentenza, fejn talab lill-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena u fin-nuqqas ta' dan tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija tvarja l-istess sentenza billi tapplika l-piena aktar idonea fiċ-ċirkostanzi u dan wara li stqarr (in suċċint) is-segwenti:

   i. Illi preliminarjament l-ewwel Qorti naqset milli tqis li in vista tal-avviż ferm qasir tas-seduta l-appellant kien fl-impossibilita' li jipprepara d-difiża tiegħu b'mod adegwat;

   ii. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, il-Qorti ma setgħet qatt issib ħtija stante li ma ġewx segwiti r-regoli proċedurali dwar il-produzzjoni tal-aqwa prova;

   iii. Illi fi kwalunkwe każ l-elementi tar-reat li bih l-esponent ġie akkużat ma jissussistix.

   iv. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena imposta mhiex idonea u hija waħda eċċessiva.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta'

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

---

Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta'

---

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2.
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**[9]
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant

[9] Emfasi ta' din il-Qorti.

anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

‘Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta’ depożizzjoni ta’ xhud dwar x’qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita’ ta’dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta’ dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).’

23.Ukoll fl-Ingilterra u f’Wales ir-regola tal-hearsay m’għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ‘ Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom’ tal-15 ta’ Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f’pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel irrapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta’ xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t’Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

29. Illi nhar it-23 ta' Ottubru 2019, Marthese D'Amato rraportat ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar li żewġha Jason (Jason Paul) Scicluna, kien naqas milli jgħaddi l-manteniment dovut lilha għal waħda mit-tlett ulied tagħhom fl-ammont globali ta' elf u mitejn Ewro (€1200) għax-xhur ta' Ġunju 2019, Lulju 2019, Awwissu 2019, Settembru 2019 u Ottubru 2019. Wara diversi tentativi, l-appellant SCICLUNA ġie kkuntatjat mill-Pulizija fit-30 ta' Ottubru 2019 sabiex huwa jmur l-Għassa u jagħti l-verżjoni tiegħu iżda hu baqa' ma marx. Sussegwentement ittieħdu l-proċeduri kriminali kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn dik il-Qorti sabitu ħati u kkundannatu għall-piena ta' xahar priġunerija effettiva.

### Analiżi tal-aggravji imresqa mill-appellant bl-evalwazzjoni tal-provi prodotti fir-rigward ta' kull aggravju rispettiv

30. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jattakka l-proċedura adoperata għan-notifika taċ-ċitazzjoni għaliex jilmenta li n-notifika lilu waslitlu biss tlett ijiem qabel is-smigħ tal-kawża u ma tħallietx ma' xi membru tal-familja tiegħu jew ma' persuna li tagħti servizz fid-dar

skont ma jrid il-*proviso* tar-Regolament L.S. 9.22. Jisħaq ukoll li ma kellux biżżejjed żmien allura sabiex jipprepara d-difiża tiegħu u jħarrek id-debita xhieda u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) minflok ma' kkonċedietlu differiment għal dan il-għan, għaddiet għas-sentenza.

31. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għar-regolament numru 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.22, Regolamenti dwar il-Metodu Ta' Notifika ta' Atti Ġudizzjarji liema dispożizzjoni tgħid hekk:

> 4.(1) In-notifika ta' taħrika għandha ssir bil-kunsinna tat-taħrika:
> (a) f'kull post f'Malta jew f'Għawdex personalment lill-persuna li lilha t-taħrika għandha tiġi notifikata; jew
> (b) billi titħalla fl-indirizz postali jew fl-aħħar indirizz reġistrat ta' dik il-persuna; jew
> (ċ) billi dik it-taħrika titħalla fil-post tan-negozju jew fil-post tax-xogħol ta' dik il-persuna:
>
> Iżda n-notifika skont il-paragrafu (b) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' xi membru tal-familja tagħha jew fid-dar, jew ma' persuna li tagħti, lill-persuna mħarrka, servizz f'dik id-dar.
>
> Iżda wkoll in-notifika skont il-paragrafu (ċ) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' persuna fis-servizz jew fl-impjieg tagħha, jew persuna awtorizzata li tirċievi l-posta f'isimha:

32. Jiġi għalhekk mill-ewwel rilevat li sabiex in-notifika tista' tiġi meqjusa li tkun saret skont il-Liġi, jeħtieġ li ssegwi l-formalitajiet iddetati mill-imsemmi regolament liema regolament, bħala l-ewwel preferenza ta' kif għandha titqassam in-notifika, jikkontempla x-xenarju fejn din tiġi mgħoddija direttament u personalment lill-persuna li lilha t-taħrika għandha tiġi nnotifikata.

33. Madanakollu, fis-subinċiż (b) tiegħu, dan ir-regolament jikkontempla wkoll is-sitwazzjoni fejn it-taħrika tista' tiġi wkoll regolarment imqassma fl-indirizz fejn il-persuna li għandha hekk tirċievi t-taħrika tkun tirċievi l-posta tagħha regolarment u ċjoe' fl-aħħar indirizz postali li jkun irreġistrat mal-awtoritajiet tagħna skont ir-Reġistru Elettorali. Fis-subinċiż (ċ) imbagħad, il-Liġi tippermetti wkoll li n-notifika ssir fuq il-post tax-xogħol tal-persuna li għandha tirċievi dik it-taħrika. Biss pero', sabiex in-notifika magħmula ai termini tas-subinċiżi (b) u (ċ) tkun meqjusa valida, il-Liġi tirrikjedi li din tkun ġiet hekk riċevuta mill-persuni imsemmija fil-Liġi liema persuni ma jistgħux ikunu taħt l-erbatax-il sena jew persuni li jbatu minn mard tal-moħħ hekk kif dawn il-persuni ma humhiex meqjusa

kapaċi illi jixhdu fuq kwistjonijiet ta' validita' tan-notifika. Jekk in-notifika tat-taħrika tkun saret skont dawn il-formalitajiet, il-preżunzjoni fil-Liġi hija li l-persuna li tkun irċevietha hija kapaċi li tixhed fuq il-validita' tal-istess.

34. Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-subinċiż numru 2 tar-regolament numru 4 liema dispożizzjoni tal-Liġi tgħid hekk:

> L-ebda oġġezzjoni ma tista' titressaq fuq il-bażi ta'irregolarità tan-notifika għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-provisos ta' hawn qabel, jekk jirriżulta li n-notifika fil-fatt tkun waslet għand il-persuna li kellha tirċeviha jew jekk il-persuna tidher quddiem il-Qorti.

35. Dan ikun ifisser li sabiex tiġi ssollevata b'suċċess l-irregolarita' tan-notifika, irid jirriżulta li effettivament it-taħrika ma tkun qatt waslet għand il-persuna li kellha tirċievieha. Għalhekk, ikun isegwi li kemm -il darba din il-persuna tkun dehret għas-smiegħ tal-kawża l-għan tan-notifika jkun intlaħaq u ma tistax tiġi ssolevata b'suċċess l-irregolarita' tan-notifika.

36. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali, din il-Qorti tqis li skont ir-riferta esebita mill-Prosekuzzjoni f'paġna 4 tal-atti proċesswali, l-appellant SCICLUNA ġie nnotifikat bid-data tas-smiegħ tal-kawża nhar l-20 ta' Frar 2020 fl-indirizz 'SHANGRI-LA' Flat 5, Triq A. Caligari Ħaż-Żabbar u skont ma jirriżulta mill-imsemmija taħrika, din it-taħrika ġiet riċevuta minn persuna bl-isem ta' Chantelle Spiteri (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 80390M) għall-ħin tal-10.49 ta' filgħodu. Mit-taħrika jirriżulta wkoll li d-data tas-smiegħ tal-kawża kienet imniżżla bħala it-22 ta' Ġunju 2020 għall-ħin tad-9 ta' filgħodu.

37. Din il-Qorti rat ukoll li skont digriet tal-Maġistrat sedenti Dr. Astrid May Grima f'paġna 6 tal-atti proċesswali (liema digriet ġie magħmul skont ir-regolamenti li kienu in vigore dak iż-żmien minħabba l-imxija tal-Covid-19), din il-kawża effettivament ġiet rikjamata għad-data li kienet hekk iffissata għas-smiegħ tal-kawża skont it-taħrika u ċjoe għal nhar it-22 ta' Ġunju 2020. Jirriżulta wkoll mill-verbal f'paġna 9 tal-atti proċesswali, li fid-data tat-22 ta' Ġunju 2020 saret l-ewwel seduta u **l-imputat appellant SCICLUNA kien hekk preżenti għaliha.**

38. Issa, din il-Qorti tirrileva li mill-atti proċesswali ma jirriżultax min hi Charlene Spiteri, liema persuna ġiet imiżżla fuq it-taħrika

bħala dik il-persuna li magħha tħalliet it-taħrika fl-indirizz postali tal-appellant. F'dan l-istadju din il-Qorti tippremetti li lanqas ma kien hemm kontestazzjoni fis-sens li l-indirizz postali li jidher fuq it-taħrika ma kienx l-indirizz postali ta' fejn l-appellant kien jirċievi l-posta tiegħu. Lanqas ma ġie argumentat li Charlene Spiteri hija persuna taħt l-erbatax -il sena jew li hija persuna affetwata b'marda tal-moħħ. Għaldaqstant, japplika t-tielet proviso taħt is-subinċiż numru 1 tar-regolament numru 4 tal-imsemmija leġislazzjoni sussidjarja u Spiteri, tista' titqies li kienet persuna li preżumibilment kienet kapaċi skont il-Liġi li tirċievi l-imsemmija taħrika. In oltre, hekk kif diġa ntqal iktar 'il fuq, fis-seduta hekk appuntata għas-smiegħ tal-kawża, l-appellant SCICLUNA deher u deher ukoll debitatment assistit minn Dr. Marsianne Vassallo. Isegwi għalhekk li taħrika magħmula lill-appellant għandha tiġi meqjusa valida għaliex saret skont il-Liġi.

**Ikkunsidrat**

39. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant SCICLUNA fejn dan jargumenta li ma kellux żmien biżżejjed sabiex jipprepara adegwatament għas-smiegħ tal-kawża għaliex jirriżulta mill-annessa taħrika li din ġiet notifikata lilu skont il-Liġi nhar l-20 ta' Frar 2020 u għalhekk erba' xhur sħaħ qabel id-data tas-seduta. **Iżda** l-appellant jorbot din il-lanjanza tiegħu mal-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talba tiegħu sabiex jiġi konċess differiment għall-fini li jinstema' rappreżentant tal-MCAST u dan b'konsegwenza ta' dokument DOK MD2 li esebiet il-parte leża dakinhar tat-22 ta' Ġunju 2020. Dan qiegħed isostnieh *soprattutto* għaliex skont hu dan id-dokument huwa qatt ma kien rah qabel. **Dan għalhekk ifisser li l-kwistjoni kollha ma tirriduċix ruħha sempliċement għall-kunsiderazzjoni ta' kemm kellu żmien utli l-appellant sabiex jipprepara d-difiża tiegħu mill-mument li kien notifikat bit-taħrika għall-mument tas-smiegħ tal-kawża IŻDA kemm kienet korretta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ma tikkonċedix dan id-differiment mitlub mill-appellant sabiex jitħarrek ix-xhud tal-MCAST.**

40. L-appellant fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti nhar **il-15 ta' Ottubru 2020** jgħid li kien sar jaf **'dan l-aħħar'** li bintu kienet qiegħda tattendi kors l-MCAST għaliex skont hu kien raha fit-triq sejra l-iskola. F'paġna 77 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid hekk:

Avukat Ġenerali: Kif erġajt bdejt, għalfejn erġajt bdejt tħallas il-manteniment tagħha jekk int qatt ma kellek prova li din full time student?
Jason Scicluna: Imma dan tal-aħħar kienet l-MCAST.
Avukat Ġenerali: U kif sirt taf li kienet l-MCAST?
Jason Scicluna: Għax kont niltaqa' magħha fit-triq sejra għall-iskola, ħeq.

41. Jirriżulta pero' li din l-kwistjoni kienet ilha għaddejja ħafna iktar żmien qabel hekk kif mill-kontro-eżami tal-parte ċivile Marthese D'Amato jidher l-appellant kien ilu li talabha prova li bintu Shaian kienet għadha qiegħda tistudja. F'paġna 56 tax-xhieda tagħha:

Dr. John Bonnello: Issa spjega ftit jekk jogħġbok x'kien talab l-avukat, x'risposta irċevejt għal dik l-ittra u jekk qattx kien hemm xi risposta mingħandkhom?
Marthese Scicluna: **Kien talabni u tajtu din, din il-karta, tajtu l-evidenza, kont tajtu din il-karta erġajt.**
Qorti: Din il-karta l-MD2?
Marthese Scicluna: L-MD2 u għandi oħra tal-MCAST imma din għandi hawnhekk li hi full time student u tajtilu wkoll, tajtu l-affarijiet ux kollox u ma rrispondinix qatt, anke meta għidtlu għax għandu l-edukazzjoni, qatt ma tahomli.

42. Il-kontro-eżami jkompli u minn dak li tixhed il-parte ċivile ma jirriżultax b'mod ċar jekk din il-prova li kien talabha l-appellant - u ċjoe' DOK. MD2 - kinetx qatt effettivament ġiet fil-pussess tal-appellant. Marthese D'Amato b'konvinzjoni tgħid li hija d-dokumentazzjoni mitluba għaddietha lill-avukat tagħha biex dan tal-aħħar imbagħad jgħaddieha lill-avukat ta' żewġha pero' ma kinitx daqstant ieħor konvinta ta' jekk din il-prova qattx waslet għand żewġha l-appellant. F'paġna 58 tax-xhieda tagħha jingħad is-segwenti:

Dr. John Bonnello: Jien qiegħed nissuġġerilek li fil-verita' kien hemm żewġ ittri skamjati, ittra minn naħa tal-avukat tiegħek tat-22 ta' Novembru 2019 fejn l-avukat tiegħek talab f'ismek il-ħlas tal-manteniment u r-risposta tiegħi tas-27 ta' Novembru 2019 fejn tlabtek tiġġustifika l-pretensjoni li da parti tiegħu t-tifla għadha tistudja u jien qed nissuġġerilek li din it-tieni ittra qatt ma ġiet imwieġba, xi tgħidli inti?
Marthese Scicluna: Ma niftakarx.
Dr. John Bonnello: Ma tiftakarx li ma ġietx imwieġba
Marthese Scicluna: Ma niftakarx
Dr. John Bonnello: Imma għandek amment li r-raġel lilek talbek tagħrif dwar it-tifla?
**Marthese Scicluna: Jien tajtulu imma.**
Dr. John Bonello: Tajthulu kif? Għadek kemm
**Marthese Scicluna: L-avukat tajtulu darba meta tlabtuna l-karta**

> Dr. John Bonello: Imma inti għandek konferma li r-raġel tiegħek tajtu dak it-tagħrif. Int qed tgħid li tajtu lill-avukat tiegħek, għandek xi konferma li d-dokument MD2 bgħattulu lill-avukat tiegħek?
> Marthese Scicluna: Jien meta tajtu l-karti.
> **Dr. John Bonello: Tajthom lil min tajthom?**
> **Marthese Scicluna: Lill-avukat.**[11]

43. Għaldaqstant, din il-Qorti tistqarr li mix-xhieda tal-parte ċivile jemerġu ċertu dubbji ta' kemm l-appellant seta' kien mgħarraf bil-programm edukattiv tat-tifla jekk din il-prova baqgħet ma waslitlux. Dan qiegħed jingħad ukoll fiċ-ċirkostanza partikolari ta' fejn il-missier u t-tfal jirriżulta li kienu qatgħu kull kuntatt u għalhekk l-unika informazzjoni li setgħet tasallu kienet tramite l-avukat tiegħu wara li dan tal-aħħar kien ikun ikkomunika mal-avukat tal-parte ċivile. U dwar il-fatt li kien hemm interruzzjoni fir-relazzjoni ta' bejn l-appellant u wliedu xehed mhux biss l-appellant iżda anki l-parte ċivile. F'paġna 69 tax-xhieda tiegħu l-appellant jgħid hekk:

> Le fil-bidu tas-separazzjoni iva kont immur għalihom, kienu jkellmuni, kont noħroġhom, pero' mbagħad bdew jaqilgħu l-inkwiet allura qtajt biex ma jkunx hemm aktar inwkiet.

44. F'paġna 69 tax-xhieda tiegħu huwa jkompli jgħid hekk:

> ..ċempilli mill-Għassa u qalli li ma għaddejtiliex il-manteniment u jien għamilt ir-rapport tiegħi għaliex u kif, pero' l-Għassa tlabtu l-affarijiet biex iġibli l-affarijiet u **qatt ma tawni xejn, qatt ma tawni xejn lili. Mort l-iskola tal-Higher u l-prinċipal tal-Higher qalli le jien ma nistax nagħtik għax din adulta qalli trid tgħaddihomlok hi.** Għidlu jien lilha ma nkellimhiex, għidtlu ma jkellmuniex u bdiet minn hemm l-istorja u bqajt ma tajthomliex tagħha għax rajt li kienet qed taħdem.

45. Il-fatt li l-missier u l-ulied ma kienux jitkelmu tikkonfermah ukoll Marthese D'Amato f'paġna 60 tax-xhieda tagħha u tgħid li kien propju 'dan l-aħħar' li l-appellant kien reġa' beda jċempel lit-tfal.

46. Issa, din il-Qorti, bħal Qrati oħra qabilha, kellha diversi opportunitajiet sabiex tisħaq fuq l-importanza li tiġi preżervata n-natura sommarja ta' ċerti kawżi f'liema kawżi differimenti għandhom jiġu meqjusa bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola u għandhom jiġu konċessi biss għal raġuni validissima. Hekk intqal fil-kawża **Il-Pulizija vs. Simon Vassallo** deċiża nhar il-25 ta' Frar 2021:

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

Tabilħaqq, hemm diversi riferenzi fil-Kodiċi Kriminali fejn dawk il-kawżi li jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'mod partikolari fil-kompetenza oriġinali tagħha fit-termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali, jiġu riferiti bħala proċeduri jew proċedimenti sommarji; u dan ukoll sabiex jiġi wkoll distinti mill-proċedimenti solenni quddiem il-Qorti Kriminali F'dawn il-proċedimenti sommarji il-Qrati tal-Maġistrati bħala Qrati ta' Ġudikatura Kriminali għandhom, kemm jista' jkun, jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi fdati lilhom fl-istess jum.

L-artikoli 375 u 377 tal-Kodiċi Kriminali jagħtu biżżejjed indikazzjonijiet biex wieħed raġonevolment jifhem li l-ispirtu tal-Liġi hija dik li dawn il-kawżi – in kwantu sommarji - jiġu mismugħa, trattati u deċiżi fl-istess jum. Din l-interpretazzjoni hija wkoll imsaħħa bil-posizzjoni ġurisprudenzjali konsolidata fejn ġie deċiż li l-Qrati ta' Kriminali Ġudikatura għandhom jirregolaw u jikkontrollaw rigorożament id-differiment fi proċedimenti kriminali. Inoltre dawn id-differimenti jingħataw biss meta jkun hemm raġuni valida u mhux għalxejn. Dan ġie mistqarr ukoll fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Margaret Urry** tas-17 t'April 2001 fejn ingħad ukoll is-segwenti:

Hu appena necessarju jinghad li differimenti bla raguni valida, specjalment f'kawzi sommarji, minbarra li jaghmlu hsara ghax il-provi ma jibqghux friski f'mohh ix-xhieda, jiffrustraw lil, u joholqu inkonvenjent ingust ghal, dawk ix-xhieda li ripetutament jigu mharrka ghalxejn.

**Biss il-ġurisprudenza tifhem ukoll li għalkemm din hija l-posizzjoni li għandha tiġi segwita bħala regola, ma jfissirx li, biex issir Ġustizzja, ma jistax ikun hemm xi eċċezzjonijiet. Iżda eċċezzjoni trid tibqa' eċċezzjoni ma tiġix bil-prassi mibdula fir-regola!**[12]

47. Din il-Qorti tirrileva li għalkemm m'hemmx regola ta' x'jista jiġi kkunsidrat ta' natura eċċezzjonali b'mod tali li għandu jiġi konċess differiment, dan ċertament ikun il-każ meta dan id-differiment ikun meħtieġ għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha tikkonċedix tali differiment in bażi għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkollha quddiemha. F'dan il-każ dik il-Qorti setgħet kienet ġustifikata li ma tikkonċedix differiment ta' dik l-udjenza u tkompli bis-smiegħ tal-kawża għar-raġuni sempliċi.

48. Il-punt l-aktar fundamentali f'dan il-każ huwa li kien l-appellant kien kontrattwalment u legalment obbligat li jħallas il-manteniment għal bintu Shaian imsaħħaħ b'ordni tal-Qorti kompetenti. Hu kellu l-oneru li jara li jwettaq l-ordni tal-Qorti kompetenti mingħajr tentennamenti, dewmien jew kavillar żejjed. Skond is-sentenza fl-

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** din il-Qorti diversament ippreseduta sostniet:

> L-ordnijiet tal-Qrati, bhad-digriet tas-Sekond' Awla li jiffissa l-manteniment pendente lite, jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kawzi, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni.
>
> Sakemm id-digriet jigi varjat jew revokat, dan ghandu jigi osservat.
>
> Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova:-
>
> 1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment;
>
> 2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma."
>
> Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni.[13]

49. L-appellant kien daħallu s-suspett li bintu setgħet forsi ma baqgħetx studenta full time – u allura una volta maġġorenni mhux intitolata li tirċievi manteniment mingħandu – żmien twil qabel ma huwa ġie mħarrek f'dan il-ġudizzju. Huwa kellu l-obbligu li josserva l-ordni tal-Qorti – minkejja li ġieh dak is-suspett. Iżda fid-dawl tal-fatt li dak is-suspett setgħa jissarraf f'fatti li juru bidla radikali fiċ-ċirkostanzi bejn il-partijiet skont kif maqbula u riflessi fil-kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom, huwa kellu rimedju ordinarju li setgħa – u kellu jirrikorri għalih – iżda minflok għażel it-triq il-qasira, unilaterali, li jieħu l-Liġi b'idejh u li daħlitu fi sqaq. Tispjega:

50. Il-kwistjoni dwar jekk bint l-appellanti Shaian kienetx studenta full time o meno kienet kwistjoni ta' fatt. L-appellant kien obbligat li jħallas il-manteniment għaliha wkoll anke wara li tkun maġġorenni dment li tkun baqgħet tkompli bl-istudji tagħha. Jekk huwa kellu xi dubju dwar jekk kienet għadha tkompli bl-istudji tagħha, huwa kellu l-jedd li jara u jaċċerta dan il-fatt. Iżda sakemm l-aċċertament ta' dak

---

[13] Enfażi tal-Qorti.

il-fatt ikun seħħ huwa xorta waħda kien għadu legalment marbut bil-kuntratt li jħallas il-manteniment u ergo marbut ukoll b'ordni tal-Qorti li jagħmel dan.

51. L-appellant jgħid li huwa ma kienx qiegħed jingħata informazzjoni mingħand il-mara tiegħu jew mingħand it-tifla in kwantu ma kienux ikelmuh u jtuħ sodisfazzjoni u fl-istess waqt dawn kienu għadhom iriduh iħallas il-manteniment dovut skont il-kuntratt – tant li saret il-kwerela kontra tiegħu.

52. Din il-Qorti tifhem li jkun hemm ċirkostanzi, bosta drabi diffiċli, il-komunikazzjoni bejn konjuġi separati u wliedhom – b'mod partikolari fejn ikun ukoll daħal xi ftit tal-attrit jew trabbiet xi ftit sikrana – issir diffiċli jekk mhux ukoll ineżistenti, bħal ma jidher li kien dan il-każ. Il-parte civile stess tikkonċedi li hija ma kienetx titkellem mal-appellant[14] tant li ma kienetx taf għaliex huwa kien waqaf iħallas il-manteniment għal bintu Shaian bejn Ġunju u Ottubru 2019 – minkejja li bintu kienet għadha studenta full time u b'hekk l-appellant kien għadu obbligat, skont il-kuntratt tas-separazzjoni li jħallas il-manteniment ukoll għal bintu Shaian. Il-parte civile ssostni li hija kienet bagħtet, tramite l-legali tagħha l-ittra eżebita MD2 lill-appellant. Dan il-fatt ġie kontestat mill-appellant fis-sens li huwa jsostni li l-ewwel darba li ra dak id-dokument kien fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

53. Issa l-argument tal-appellant huwa li huwa ma ħallasx il-manteniment dovut għal bintu Shaian fiż-żmien de quo kien minħabba l-fatt li huwa jgħid li fl-**2017** kien għaddej mit-triq u ra lil Shaian f'ħanut isservi lin-nies. F'paġna 69 huwa jgħid testwalment hekk :

> Jien imbaghad kif rajt hekk, nehhejt il-manteniment taghha ghandi 720 kull 4 gimghat. Ghidt mela din qed tahdem u ma qalulix ghax jien ma nkun naf xejn minghandhom dawn u cempilli mill-Ghassa u qalli li ma ghaddejtiliex il-manteniment u jien ghamilt ir-rapport tieghi ghaliex u kif, pero' l-Ghassa tlabtu l-affarijiet biex igibli l-affarijiet u qatt ma tawni xejn, qatt ma tawni xejn lili. Mort l-iskola l-Higher u l-Principal tal-Higher qalli le jien ma nistax naghtik ghax din adulta, qalli trid tghaddihomlok hi. Ghidtlu jiena lilha ma nkellimhiex, ghidtlu ma jkellmuniex u bdiet minn hemm l-istorja u bqajt ma tajthomliex taghha ghax rajt li kienet qed tahdem.

54. Din il-Qorti tqis li huwa verosimili li d-diriġenti tal-Iskola ta' Shaian jagħżlu li ma jfornux informazzjoni lill-appellant dwar bintu

[14] Ara fol 53.

issa maġġorenni. Tqis verosimili wkoll dak mistqarr mill-appellant li ma kienux jitkelmu bejniethom, in kwantu huwa evidenti li r-relazzjonijiet bejniethom ma kienetx ward u zahar. Iżda l-pern tal-kwistjoni jibqa' li l-ħlas tal-manteniment mill-appellant għal bintu Shaian kien maqbul minnu fit-termini miktuba fil-kuntratt tas-separazzjoni u msaħħaħ b'ordni ta' Qorti. Il-ħlas tiegħu għal dan il-manteniment huwa obbligu pożittiv ta' natura ċivili. In-nuqqas ta' ħlas tiegħu pero huwa kontravvenzjoni ta' ordni ta' Qorti b'konsegwenzi ta' natura penali. U li jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu b'mod radikali tali li l-vertenza ċivili tkun teħtieġ li tiġi riveduta, sakemm isir dan, l-ordni tal-Qorti xorta waħda jkun jeħtieġ li jiġi osservat. Altrimenti jekk ma jkunx hekk, persuni marbuta b'ordni tal-Qorti faċilment jispiċċaw jippretendu li ma jkunux obbligati jsegwu l-ordni tal-Qorti minħabba li jdaħluha f'moħħhom li ċ-ċirkostanzi ċivili ta' bejniethom ikunu inbidlu. Bir-rispett kollu dan mhux dak li trid il-Liġi in kwantu dan ir-reat huwa reat li jolqot l-ordni pubbliku u mhux biss ir-relazzjoni privata bejn il-partijiet.

55. Jidher li l-appellant ftit għamel din id-distinzjoni f'moħħu meta, ex admissis, ħa d-deċiżjoni li ma jħallasx il-manteniment skont kif mitlub fil-kwerela de quo. Peress li huwa ma kellux informazzjoni dwar jekk bintu kienetx għadha studenta, peress li talab din l-informazzjoni lill-Prinċipal tal-Higher u dan ma taħx sodisfazzjoni u peress li ra lil bintu Shaian taqdi n-nies f'ħanut, huwa ddeċieda – minn jeddu – li din m'għadhiex studenta, kienet qed taħdem, u allura ma kienetx għadha intitolata li tirċievi l-manteniment mingħandu, ħa l-Liġi b'idejh u ma ħallasx manteniment għaliha għax-xhur inkriminati għax pretenda li jagħtuh l-informazzjoni jekk kienetx għadha studenta qabel ma jkompli jħallas. Allaħares dan l-argument jiġi milqugħ għaliex dak ikun ifisser li ordnijiet tal-Qorti jiġu obduti o meno skont xi jfettillu jiddeċiedi l-ġudikabbli – għandu ċivilment raġun jew le.

56. Mingħajr ma tidħol fl-għerf ta' dritt ċivili wara din id-deċiżjoni unilaterali tal-appellant, żgur li din id-deċiżjoni kienet ħażina mill-lat penali tal-vertenza. L-appellant ma kellu ebda jedd li, mingħajr qbil preċedenti mal-parte civile jew inkella mingħajr is-saħħa ta' digriet preċedenti tal-Qorti kompetenti, jagħżel li jonqos mill-obbligi tiegħu fuq il-kuntratt tas-separazzjoni – **ossija l-ordni imposta fuqu minn Qorti kompetenti** – li jħallas il-manteniment lil bintu Shaian kif kien maqbul minnu stess fil-kuntratt tas-separazzjoni de quo.

57. Il-fatt li jilmenta li d-dokument MD2 rah biss matul il-kors tal-kawża u li dan ma raħx qabel kif ukoll li la l-parte civile u l-anqas bintu Shaian ma qalulux xejn dwar jekk kienetx għadha studenta full time o meno, ma hija ta' ebda kenn għall-argument tal-appellant li ma jobdix l-ordni tal-Qorti mogħtija lilu dwar il-ħlas tal-manteniment. Id-deċiżjoni unilaterali tiegħu li ma jħallasx il-manteniment dovut – meta ma kienx hemm bidla f'dak is-sens fl-ordni tal-Qorti, tikser l-ordni tal-Qorti. L-appellant ma ġab ebda prova li turi, sal-grad tal-probabbli li dak l-ordni jew il-kuntratt kienu ġew mibdula meta huwa ħa d-deċiżjoni li ma jħallasx aktar manteniment għal dawk ix-xhur inkriminati.

58. L-appellant kien marbut b'kuntratt ta' separazzjoni. Daqs kemm huwa kellu obbligu li jħallas il-manteniment, daqstant ieħor kellu d-dritt li jassigura li l-parti l-oħra kienet ukoll qegħda timxi mal-kuntratt. Huwa jgħid li intebaħ li bintu kienet qegħda taħdem f'ħanut fl-2017. Minn hemm jidher li beda jiġih is-suspett li din setgħet ma kienetx baqgħet studenta full time. Dak iż-żmien kienet għadha minorenni. Iżda mbagħad meta hija saret maġġorenni, huwa kellu d-dritt li jivverifika jekk din kienetx għadha studenta full-time. L-appellant jgħid li staqsa lill-Prinċipal tal-Higher u dan ma taħx sodisfazzjon. Il-parte civile u bintu ma kienux ikelmuh.

59. Biss dan ir-rifjut t'informazzjoni mill-iskola u mill-parte civile ma kienx jintitolah li jieħu l-azzjoni unilaterali li jinjora l-ordni tal-Qorti li kellu fuqu. Dan ir-rifjut t'informazzjoni setgħa jiġi indirizzat billi huwa stess jieħu l-azzjoni ġudizzjarja meħtieġa sabiex jivventila s-suspetti li huwa kellu quddiem l-Awtorita Ġudizzjarja – l-unika awtorita li kellha u għandha s-setgħa li tbiddel it-termini tal-kuntratt (ħlief għal, u fin-nuqqas tal-kunsens tal-parte civile) jekk u meta jirriżultaw l-estremi meħtieġa – sabiex jekk verament kien jirriżulta li bintu Shaian, issa maġġorenni, ma baqgħetx aktar studenta full-time, ir-retta alimentarja dovuta lilha ma kellhiex aktar tibqa' fis-seħħ. Dan peress li dik l-eventwalita kienet tirriżulta f'bidla radikali fiċ-ċirkostanzi kontrattwali ta' bejn il-partijiet tali li kienet żgur tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti kompetenti fil-mod ta' kif kellu jkompli jkun regolat l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment tal-appellant għal bintu minuri Shaian – ġjaladarba l-komunikazzjoni bejniethom kienet, dak iż-żmien, ineżistenti.

60. Iżda dan l-aċċertament fattwali kien meħtieġ li jsir minnu **qabel** ma ddeċieda li ma jkomplix isegwi l-ordni li huwa kellu; u fid-dawl tan-nuqqas ta' komunikazzjoni mal-parte civile u bintu, nonche l-bieb

magħluq tal-iskola fejn kienet tmur, dan l-aċċertament kellu jsir bis-saħħa tal-Awtorita Ġudizzjarja. Dan kien rimedju li kien miftuħ għall-appellant il-ħin kollu, u minn kliemu stess, minn żmien ferm qabel is-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

61. Il-fatt li skontu ma ingħatax l-opportunita li jiġi mħarrek rappreżentant tal-MCAST biex jixhed f'din il-kawża u għalhekk id-dritt tiegħu għal difiża ġie mċaħħad huwa, fid-dawl ta' dak mistqarr aktar il-fuq, inkonsegwenzjali. Dan peress li kieku dik il-Qorti aċċetat li tisma' lil dak ir-rappreżentant, hija kienet qegħda tkun tagħmel dak li suppost kien dovut li jsir quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti. Dan mhux l-iskop ta' dawn il-proċeduri. Anzi fil-verita dan l-argument jiddevja l-focus tal-problematika legali penali li l-appellant daħħal lilu nnifsu fiha u li waslet għall-ftugħ ta' dawn il-proċeduri kontra tiegħu billi jissostiwixxi lil din il-Qorti għall-Qorti Ċivili kompetenti. Ix-xhud tar-rappreżentant tal-MCAST huwa kellu bżonnu per via di azione quddiem il-Qorti Ċivili kompententi u mhux fid-difiża tiegħu fil-proċeduri penali wara li huwa, ex admissis, kien naqas milli jottempera ruħu mal-ordni tal-Qorti mingħajr ma qabel ivverifika ġudizzjarjament dak l-istess fatt li issa ried jipprova jittanta jistabbilixxi bix-xiehda tar-rappreżentant tal-MCAST.

62. B'hekk din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

## Ikkunsidrat

63. Illi kwantu għat-tieni aggravju, jirriżulta li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-Prosekuzzjoni preżentat ix-xiehda tal-parte civile li kkonfermat bil-ġurament tagħha u bid-dokumenti relattivi, kemm is-sors tal-obbligu tal-ħlas tal-manteniment da parti tal-appellant nonche l-fatt li l-appellant naqas milli jħallas l-ammont ta' manteniment dovut minnu għaż-żmienijiet inkriminati f'dan il-każ.

64. L-appellant minn naħa tiegħu jammetti li huwa ma mexiex mal-ordni tal-Qorti li jħallas l-istess manteniment dovut għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq iżda straħ fuq il-fatt li – żmien qabel il-kawża u qabel ma huwa ħa d-deċiżjoni li ma jħallasx il-manteniment - fuq suspetti li bintu ma baqgħetx tistudja full-time għax ra taqdi n-nies f'ħanut u minħabba l-fatt li la l-iskola u l-anqas il-parte civile u bintu ma tawh informazzjoni. Huwa naqas li jġib prova sal-grad tal-

probabbli li dak il-kuntratt jew l-ordni kienu preċedentement għall-azzjoni tan-nuqqas ta' ħlas tiegħu, b'xi mod mibdula f'dak is-sens.

65. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-prova li resqet il-Prosekuzzjoni kienet sikura biżżejjed u li fuqha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tistrieħ. B'hekk it-tieni aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

## Ikkunsidrat

66. Kwantu għat-tielet aggravju jirriżulta li l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment għal bint l-appellant kienet titnissel minn kuntratt tas-separazzjoni personali eżebit fl-atti. Il-kuntratt huwa liġi bejn il-partijiet li jidħlu għalih. L-appellant għażel, tajjeb jew ħażin, li jiffirma dan il-kuntratt li kien jorbtu li jħallas seba' mija u għoxrin euro (€720) kull erba' ġimgħat għat-tliet uliedu flimkien ma nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u dawk mediċi inkorsi għall-istess ulied, b'dan li huwa intrabat li jħallas dan il-manteniment sakemm it-tfal jagħlqu tmintax il-sena jew fil-każ li t-tfal jagħżlu li "jkomplu bl-istudji tagħhom" huwa jkompli jagħti l-manteniment lil martu sakemm dawn jitterminaw il-kors tal-istudju li jkunu qegħdin isegwu, u dana kif stabbilit mill-Liġi. Fi kwalunkwe każ huma ftehmu wkoll li dan l-obbligu tal-ħlas jiskadi meta t-tfal jagħlqu tlieta u għoxrin sena.

67. Ir-reat de quo jissussisti meta :

> meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

68. F'dan il-każ l-appellant kien marbut b'kuntratt, sanzjonat mill-Qorti kompetenti sabiex jagħti "lil xi persuna" s-somma li hija stipulata fil-kuntratt bħala manteniment "għal dik il-persuna" fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tħallas dik is-somma. Il-manteniment li kien dovut li jitlaħħas għal bintu Shaian skont it-termini imsemmija aktar il-fuq. Iżda huwa qabel, u iffirma sabiex il-persuna li kellha tirċievi dik ir-retta alimentarja għal bintu Shaian kellha tkun il-parte civile. Irriżulta soddisfaċentment ippruvat li l-appellant naqas milli jħallas il-manteniment dovut għall-perjodu inkriminat.

69. Illi għalhekk dan l-aggravju wkoll ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat**

70. L-aħħar aggravju huwa dak relattiv għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu l-appellant jikkontendi li din il-piena kienet sproporzjonata maċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

71. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

72. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

73. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

74. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga`

nghad, “sentencing is an art rather than a science” u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta’ kaz ma’ iehor jew tal-piena erogata f’kaz ma’ dik erogata f’kaz iehor.

75. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F’dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta’ reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f’qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta’ l-ewwel qorti.

76. Fil-fatt f’dan il-każ jirriżulta li fil-mori tal-appell, kien hemm ukoll bdil fiċ-ċirkostanzi ta’ bejn il-partijiet fejn jirriżulta li kien hemm xi forma ta’ titjib fir-relazzjoni bejn l-appellant u wliedu, nonche l-appellant ħallas għal kollox l-ammonti kollha dovuti minnu f’manteniment in konnessjoni ma dan il-każ. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. L-iżvilupp li seħħ f’dan il-każ, u ċjoe l-pagamenti ta’ dak kollu dovut mill-appellant huwa pass pożittiv li juri li l-appellant, anke jekk tardivament, spiċċa biex wettaq dak li kien ordnat mill-Qorti li jagħmel. Irid issa jżommha f’moħħu li skont ġurisprudenza kostanti l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolożament u mhux ammessi u permessi tentennamenti fit-twettieq tal-ordnijiet tagħhom. Mill-banda l-oħra tali ħlas tardiv jista’ jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tagħha.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa’ l-appell magħmul minn Jason (Jason Paul) SCICLUNA in parti billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, mill-banda l-oħra tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kundannat għal xahar priġunerija u minflok, fiċ-ċirkostanzi prevalenti u riżultanti, din il-Qorti tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-

Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem ser li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**